

Brussell, 30 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14950/18

AGRI 595

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura / Kunsill
Suġġett:	L-Istrateġija aġġornata tal-UE dwar il-Bijoekonomija - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Bi tnejnija għall-Kunsill "Agricoltura u Sajd" fis-17-18 ta' Diċembru 2018. id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota ta' informazzjoni mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif ukoll il-mistoqsijiet proposti biex jiggwidaw id-dibattitu ministerjali.

BIJOEKONOMIJA: OPPORTUNITÀ GĦALL-PROMOZZJONI TAL-IŻVILUPP RURALI U R-RIŻORSI RINNOVABBLI

I. Il-bijoeconomija fl-Unjoni Ewropea

Il-bijoeconomija hija definita mill-Kummissjoni Ewropea bħala li tinkludi "il-produzzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi rinnovabbli u l-konverżjoni ta' dawn ir-riżorsi u flussi ta' skart fi prodotti b'valur miżjud, bħal ikel, għalf, bijoprodotti u l-bijoenerġija". Hi tkopri s-setturi u s-sistemi kollha li jiddependu fuq **riżorsi rinnovabbli**, il-funzjonijiet u l-prinċipji tagħhom u tkopri impatt wiesa' fuq diversi atturi, minn produtturi primarji kemm ta' prodotti agrikoli u tal-foresti sa bejjiegħa bl-imnut, utenti u konsumaturi ta' prodotti b'bażi bijoloġika (minn ikel u għalf sa karburanti u materjali).

Il-bijoeconomija għandha l-għan li tipprovdi **soluzzjonijiet għal sfidi ambjentali**, bħal materjali rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju. Barra minn hekk, tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-iżvilupp rurali u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-karburanti fossili fl-ekonomija kollha. Effetti benefiċjali oħra jinkludu l-limitazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, iż-żieda fl-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u t-tnaqqis tal-iskart. F'dan ir-rigward, kif enfasizzat mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent¹, il-bijoeconomija u l-**ekonomija ċirkolari** huma sħab fis-sostenibilità, minħabba li għestjoni mtejba tal-iskart tista' tgħin fl-iżvilupp ta' sorsi ġodda għal materja prima.

¹ Rapport Nru 8/2018 "*The circular economy and the bioeconomy - Partners in sustainability*" disponibbli fuq: <https://www.eea.europa.eu/publications/circular-economy-and-bioeconomy>.

Fl-istess waqt, il-bijoekonomija għandha l-għan li toħloq **valur ekonomiku u prosperità**. Skont iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni (JRC), fl-2015 din iġġenerat fatturat ta' EUR 2.3 triljun (EUR 380 biljun fl-agrikoltura) u pprovdiet għal 18-il miljun impjieg (9.2 miljun fl-agrikoltura). Fost il-ħafna setturi ekonomiċi li tinkludi, **l-agrikoltura u l-forestrija** għandhom rwol kruċjali minħabba li huma fost il-produtturi prinċipali/fornituri ta' bijomassa, li tintuża bħala materja prima għall-bijoekonomija. Is-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija huma l-produtturi primarji/fornituri ta' bijomassa. Il-medja tal-produzzjoni domestika annwali tal-bijomassa tal-UE-28 mis-setturi bbażati fuq l-art hija ta' 1466 mega tunnellati ta' materja niexfa. Fl-2015, l-agrikoltura okkupat madwar nofs l-erja tal-art tal-Unjoni Ewropea u kienet timpjega 4.2% tal-popolazzjoni attiva tal-UE-28.

Il-foresti u art imsagħra oħra jokkupaw madwar 43 % tal-art tal-UE u huma sors ta' prodotti tal-injam u mhux tal-injam, li jipprovdu firxa wiesgħa ta' servizzi tal-ekosistema, bħall-ħżin u s-sekwestru tal-karbonju, id-dispożizzjonijiet tal-ħabitat u r-regolamentazzjoni tal-ilma. Madwar 84 % taż-żona tal-foresti tal-UE hija meqjusa bħala potenzjalment disponibbli għall-forniment tal-injam. F'din l-erja, kull sena jikbru 444 mega tunnellati ta' injam. Hemm potenzjal għal żieda fir-rati tal-ħsad u il-mobilizzazzjoni tal-injam għall-forniment ta' kwantitajiet addizzjonali ta' bijomassa tal-injam mingħajr ma jinqabżu ż-żidiet, sabiex tinżamm provvista domestika tal-injam tal-UE, u biex tiġi ssodisfata d-domanda akbar minn materjali u prodotti b'bażi bijoloġika fil-bijoekonomija. Barra minn hekk, bl-użu ta' prodotti sekondarji, residwi u skart, jista' jiġi ġġenerat valur akbar minn materja prima oriġinali, b'effetti pożittivi wkoll għall-impjiegi fiż-żoni rurali. Apparti l-potenzjal tagħha biex tissostitwixxi l-prodotti bbażati fuq il-fossili, il-bijoekonomija toffri wkoll il-possibbiltà li jinħolqu prodotti u servizzi ġodda u b'hekk biex jiġi diversifikat id-dħul għas-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u biex jiġu xprunati l-opportunitajiet ta' impjieg fiż-żoni rurali.

Mistoqsijiet għall-Ministri (1):

- Fl-opinjoni tiegħek, il-bijoekonomija qiegħda tuża l-potenzjal sħiħ tagħha biex toħloq valur akbar għall-agrikoltura u l-forestrija u biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, b'mod partikolari f'żoni rurali?

II. L-approċċ strateġiku tal-UE

L-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija tal-2012

Fl-2012, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha "Ninnovaw għal Tkabbir Sostenibbli: Bijoekonomija għall-Ewropa" (minn hawn 'il quddiem "**L-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija tal-2012**") u l-Pjan ta' Azzjoni² relatat, li jiffoka fuq in-natura trasversali tal-bijoekonomija u l-kapaċità tagħha li tindirizza l-isfidi tas-soċjetà inkluż is-sigurtà tal-ikel, l-iskarsezza tar-riżorsi naturali, id-dipendenza fuq ir-riżorsi (fossili) mhux rinnovabbli, it-tibdil fil-klima u l-ħolqien tal-impjiegi. Fl-2017, il-Kummissjoni wettqet proċess ta' **rieżami** dwar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija tal-2012³, li enfasizzat li l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni kienu qed jagħtu riżultati dwar azzjonijiet ewlenin u li l-opportunitajiet offruti mill-bijoekonomija u l-importanza tal-koordinazzjoni tal-Istrateġija kienu rikonoxxuti dejjem aktar fl-UE. Irriżulta wkoll li kient għadha meħtieġa aktar mobilizzazzjoni ta' investimenti u li l-koerenza tal-politika kellha tiġi indirizzata aħjar. Barra minn hekk, ġie enfasizzat li l-kuntest tal-politika attwali jenfasizza l-ħtieġa għal bijoekonomija sostenibbli u ċirkolari, f'konformità mal-iżviluppi tal-politika globali bħall-Ekonomija Ċirkolari, l-Unjoni tal-Enerġija, il-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

Fil-Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura fil-5 ta' Frar 2018 u fil-Kunsill "Agricoltura u Sajd" fid-19 ta' Frar 2018, ġie diskuss ir-rieżami tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija tal-2012, fejn ħareġ qbil ġenerali dwar il-potenzjal tal-bijoekonomija għall-agricoltura u l-ħtieġa li l-bdiewa jiġu integrati aħjar fil-katina tal-valur tal-bijoekonomija.

² COM(2012) 60 final ta' 13.2.2012 - ST 6487/12 + ADD 1.

³ SWD(2017) 374 final ta' 13.11.2017 - ST 14362/17.

L-istrateġija aġġornata dwar il-Bijoekonomija

Fil-11 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha "*Bijoekonomija sostenibbli għall-Ewropa: tisħiħ tal-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent*" (minn hawn 'il quddiem "**I-Istrateġija aġġornata dwar il-Bijoekonomija**")⁴, li tirrappreżenta aġġornament tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija tal-2012, akkumpanjata minn Pjan ta' Azzjoni. B'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb l-użu sostenibbli tar-riżorsi rinnovabbli biex jiġu indirizzati l-isfidi globali u lokali, inkluż it-tibdil fil-klima, l-iżviluppi sostenibbli u d-degradazzjoni tal-ekosistemi.

Dan l-aġġornament huwa ferm rilevanti għas-settur agrikolu u dak tal-forestrija minħabba l-potenzjal kbir tal-bijoekonomija biex tiżgura s-sigurtà alimentari għall-popolazzjoni globali li kull ma jmur qed tiżdied, filwaqt li tindirizza l-isfidi ambjentali u tikkontribwixxi għal sistemi ta' produzzjoni aktar ċirkolari u sostenibbli, kif ukoll biex tipprovdi opportunitajiet ġodda għat-**tkabbir** u l-iżvilupp rurali.

Il-pjan ta' Azzjoni jidentifika **14-il azzjoni ewlenin** biex titwitta t-triq lejn bijoekonomija sostenibbli u ċirkolari, bl-indirizzar ta' tliet prijoritajiet ewlenin: i) "it-tisħiħ u l-iżvilupp tas-setturi b'bażi bijoloġika; l-iżblukkar ta' investimenti u swieq"; ii) "L-iskjerament rapidu tal-bijoekonomiji lokali madwar l-Ewropa"; iii) "Il-fehim tal-konfini ekoloġiċi tal-bijoekonomija". Il-kunċett ta' bijoekonomija ċirkolari u sostenibbli huwa wkoll għodda għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-Unjoni billi jaderixxi mal-miri Ewropej għall-bijodiversità jew objettivi ambjentali oħra.

⁴ COM(2018) 673 final ta' 11.10.2018 - ST 13229/18 + ADD 1.

Fost l-azzjonijiet proposti, il-Kummissjoni inkludiet it-tnedija ta' **Pjattaforma ta' Investment Tematiku tal-Bijoeconomija Ċirkolari** li timmira li tindirizza l-lakuni fl-aċċess għal finanzjament privat għal proġetti ta' bijoeconomija innovattiva permezz ta' allokkazzjoni finanzjarja minn Orizzont 2020. Eżempju ieħor huma l-azzjonijiet pilota biex jiġu appoġġati l-attivitàjiet lokali, eż. favur ir-riabilitazzjoni ta' siti abbandunati: dawn it-tipi ta' azzjonijiet huma kapaċi wkoll li jqajmu kuxjenza u jissimplifikaw il-komunikazzjoni bejn il-produtturi u l-konsumaturi. Fid-dawl tal-potenzjal tal-bijoeconomija, jistgħu jiġu esplorati wkoll aktar possibbiltajiet lil hinn minn dawn l-azzjonijiet, inkluż fil-qafas ta' fondi oħra li jirrappreżentaw assoċjazzjonijiet mal-bijoeconomija.⁵

Ta' min ifakkar ukoll li l-bijoeconomija hija parti mid-disa' objettivi speċifiċi tal-**Politika Agrikola Komuni tal-futur** kif proposta mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha għal Regolament tal-hekk imsejjaħ "Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK"⁶ (Artikolu 6(1)(h): "jiġu promossi l-impjiegi, it- tkabbir, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoeconomija u l-forestrija sostenibbli").

L-isfidi li ġejjin

L-Istrateġija aġġornata dwar il-Bijoeconomija ġiet ippreżentata fil-konferenza "***Il-Bijoeconomija sostenibbli u ċirkolari, il-mod Ewropew***", organizzata fi Brussell fit-22 ta' Ottubru 2018 mill-Presidenza Awstrijaka u l-Kummissjoni Ewropea. Fost il-messaġġi ewlenin, kemm il-Kummissarju Moedas (DG RTD, fit-tmexxija ta' din il-ħidma) u l-Kummissarju Hogan (DG AGRI) enfasizzaw il-ħtieġa ta' komunikazzjoni aħjar dwar l-importanza tal-bijoeconomija sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħha, li inkella setgħa jibqa' mhux sfruttat.

⁵ Pereżempju, ta' min ifakkar li, fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 (ST 8353/2018 + ADD 1 + ADD 2), hija prevista allokkazzjoni ta' EUR 10 biljun fil-programm Orizzont Ewropa bħala appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-ikel, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali u l-bijoeconomija matul il-perijodu 2021-2027.

⁶ COM(2018) 392 final ta' 1.6.2018 - ST 9645/2018 + ADD 1 + COR 1.

Sfida oħra għal implimentazzjoni b'suċċess tal-Istrateġija hija l-involviment sħiħ tal-protagonisti kollha tul il-katina tal-valur, inkluż il-konsumaturi, fil-konsiderazzjonijiet kollha għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija aġġornata. Mingħajr aċċettazzjoni wiesgħa ta' prodotti u servizzi ġodda, flimkien mal-miżuri ta' akkumpanjament u l-isforzi tal-protagonisti ewlenin fil-katini tal-valur rilevanti, is-suċċess tal-Istrateġija jista' jkun imxejkel. F'dan is-sens, l-educazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet għandhom jiġu promossi fuq in-naħa tal-produtturi primarji, l-industrija, kif ukoll fuq in-naħa tal-konsumatur.

Mistoqsijiet għall-Ministri (2):

- Fl-opinjoni tiegħek, l-14-il azzjoni proposti mill-Istrateġija aġġornata tal-UE dwar il-Bijoeconomija huma adatti biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-bijoeconomija, partikolarment mill-perspettiva ta' produttur primarju? Hemm aktar opportunitajiet li jridu jiġu esplorati, inkluż permezz ta' interazzjonijiet ma' fondi diġà eżistenti?